MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 1097/2003

**Paul Abela**

**vs**

**Paul Inguanez**

l-Qorti,

Rat ic-citazzjoni datata t-23 t'Ottubru, 2003, li permezz taghha l-attur sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi f'incident li sehh fi stabbiliment f'Paceville, San Giljan, fl-1 ta' Settembru, 2002, l-attur sofra danni fil-persuna tieghu meta l-konvenut ta daqqa ta' tazza lill-istess attur;
2. Illi d-dannu soffert mill-attur kagun tal-istess hu klassifikat bhala sfregju gravi f'wiccu, flimkien ma' feriti ohra ta' natura gravi *per durata*;

3. Illi ta’ dan hu unikament responsabbli l-konvenut Inguanez stante l-volontarjeta` tal-azzjoni tal-konvenut;

4. Illi l-percentagg tal-feriti jammonta ghal dizabilita` ta’ hamsa (5) fil-mija;

5. Illi nonostante li nterpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni minnu kkagunati, l-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha tittiehed din il-procedura biex jghid ghaliex din il-qorti m’ghandhiex:

i. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo fuq indikat;

ii. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur konsegwenza tal-istess incident, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

iii. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata;

iv. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti skont il-ligi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata l-14 ta’ Jannar, 2004, li permezz taghha sintetikament eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-konvenut mhux unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;

2. Illi kien l-istess attur li pprovoka l-incident meta minghajr raguni hebb ghall-konvenut li rreagixxa biex jiddefendi ruhu;

3. Illi l-“*quantum*” tad-danni sofferti mill-attur hu ezagerat u ma jisthoqlux jigi kkunsidrat;

Rat il-verbal datat l-1 ta’ Novembru, 2004, li permezz tieghu l-kawza giet differita *sine die* ghar-raguni hemm indikata, (ara fol 14 *et sequitur*);

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-14 t'April, 2005, li permezz tieghu l-istess qorti diversament preseduta irriappuntat il-kawza, (ara fol 17 *et sequitur*);

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-3 ta' Novembru, 2005, li permezz tieghu appuntat l-espert mediku hemm indikat biex:

i. Jezamina lill-attur Abela; u

ii. Jirrelata bil-miktub dwar x'dizabilita` permanenti seta' sofra l-istess attur, (ara fol 31 *et sequitur*);

Rat id-digriet ulterjuri taghha diversament preseduta datat is-7 t'Ottubru, 2008, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju biex tisma' l-provi kollha, (ara fol 57 *et sequitur*);

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-8 ta' Marzu, 2011, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-konvenut Inguanez, datata t-18 ta' Marzu, 2010, hatret lill-espert forensiku hemm indikat biex jirrivaluta l-percentagg ta' dizabilita` riskontrat, (ara fol 60A *et sequitur*);

Ezaminat ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Tirrileva li nonostante n-nomina tal-espert forensiku fuq riferita, il-partijiet jidhru li ddesistew mill-istess u stante li fl-udjenza tat-3 t'April, 2012, iddikjaraw li m'ghandhomx provi ohra x'jipproducu, qed tqis din id-dikjarazzjoni bhala ekwivalenti ghal rinunzja ghall-istess;

Ezaminat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet rispettivament datati l-11 t'April, 2012, (ara fol 113 *et sequitur*) u l-20 ta' Gunju, tal-istess sena, (ara fol 117 *et sequitur*);

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna skont l-attur jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi skont l-affidavit tal-attur l-incident de quo sehh fit-2 mhux fl-1 ta’ Settembru, 2002, kif minnu ndikat fic-citazzjoni promotrici, (ara fol 1 *et sequitur*);

2. Illi l-attur u l-konvenut kienu flimkien ma’ zewgt ihbieb ohra Paceville, jixorbu – “izda mhux izzejjed”, (ara fol 33 *et sequitur*);

3. Illi meta l-attur xtara xi xorb ghall-komitiva li kien maghha, jidher li ha xi zball fix-xarba li kien xtara lill-konvenut li jidher li hadha b’offiza u offenda lill-attur li rreciproka minghajr kumplimenti, (ara fol 33 *et sequitur*);

4. Illi appena saret ir-ritaljazzjoni verbali tal-attur, il-konvenut kien pront u “ … faqqali tazza f’ghonqi ezattament … wara … widnejja u l-kumplament tal-ghonq …”, (ara fol 33 *et sequitur*); u konsegwentement l-attur kellu bzonn ta’ numru kbir ta’ punti kif jidhru fir-ritratti esebiti, (ara fol 30 *et sequitur*);

5. Illi jidher li l-konvenut ried ikompli jahbat ghall-attur izda kien gie mwaqqaf mill-hbieb li kien hemm maghhom;

6. Illi rizultat tal-agressjoni hawn sintetikament deskritta l-attur dam perjodu konsiderevoli jiehu l-kura necessarja u sussegwentement, il-konsulent privat tieghu irrilaxxa certifikat mediku li stabbilixxa:

i. Illi l-attur sofra sfregju f’wiccu u f’ghonqu;

ii. Illi rizultat tal-istess, l-attur ma jistax jorqod fuq dik il-parti effettwata;

iii. Illi l-ferita subita tikkawza ugiegh lill-attur;

iv. Illi tillimita l-attivita` tal-hin liberu tal-attur li jsuq iz-zwiemel;

v. Illi l-feriti riskontrati jammontaw ghal dizabilita` permanenti ta' hamsa (5) fil-mija;

7. Illi meta l-istess attur kien rega' gie riezaminat mill-espert mediku nominat minn din il-qorti diversament preseduta mat-tlett (3) snin wara c-certifikat rilaxxat mill-konsulent privat fuq riferit irrizulta: (ara fol 49 *et sequitur*);

i. Illi l-attur kellu sfregju permanenti f'widnejh ix-xellugija ta' sitt (6) centimetri;

ii. Illi din il-ferita kkawzat sfregju permanenti ghalkemm ma kellha l-ebda effett fuq l-udit tal-attur jew fuq il-bilanc tieghu;

iii. Illi l-isfregju kkawza dizabilita' permanenti ta' hamsa (5) fil-mija;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut sintetikament isostni s-segwenti:

1. Illi effettivament il-kontendenti huma *secondo* kugini, kienu hbieb u johorgu flimkien;

2. Illi fil-gurnata tal-incident in dizamina kien l-istess konvenut li ha lill-attur Paceville fil-karozza tieghu;

3. Illi t-tnejn li huma kienu qed jixorbu ma' zewgt ihbieb ohra taghhom u kienu lahqu xorbu madwar tmien (8) xarbiet – bl-attur jixrob " … *vodka bitter lemon* …", (ara fol 90 *et sequitur*);

4. Illi l-konvenut isostni li " … f'daqqa wahda gie Paul Abela (l-attur) minn wara, tani daqtejn f'ghonqi u beda joffendini bil-hajjin u bil-mejtin …", (ara fol 90 *et sequitur*);

5. Illi l-konvenut isostni li l-attur waddabblu tazza li rnexxielu jipprotegi wiccu minnha;

6. Illi konsegwenza tal-istess il-konvenut isostni li " … qbadt it-tazza tieghi u waddabthielu u lqattu wara widnejh …";

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm mill-analizi sintetiku tal-fatti li taw lok ghall-kaz odjern jidher li l-konvenut qed jittenta jisposta r-responsabbilita` fuq l-attur billi jindirizza l-provokazzjoni biex jiggustifika l-agir skonsiderat tieghu, din il-qorti qed tirrespingi tali ndirizz u tirrinfacca lill-konvenut Inguanez bir-responsabbilita` shiha tal-att sproporzjonatament vjolenti li liberament ghazel li jintraprendi;

Ikkunsidrat:

Illi rigward id-danni reklamati mill-attur ghandu jinghad is-segwenti:

1. Illi zewg konsulenti ta' prestigju inkarigati wiehed privatament, u l-iehor ufficcjalment, it-tnejn jikkonkorru li l-percentagg ta' dizabilita` riskontrata hi dik stabbilita minnhom kif fuq deskritt;

2. Illi stante li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova konvincenti li tista' tiddisturbha tali konkluzjonijiet, din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li takkolji u taghmel taghha l-konkluzjoni li l-imsemmija konsulenti waslu ghaliha;

3. Illi di piu`, l-eta` tal-attur meta sehh l-incident in dizamina kienet ta' sbatax (17) –il sena;

4. Illi biex jigi evitat dilungar inutili din il-qorti qieghda wkoll taghmel taghha l-kalkolu tad-danni kif postulat mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ghalkemm thossha wkoll fid-dover li tirrileva li tali kalkolu hu wiehed konservattiv stante li l-eta` pensjonabbli tal-attur zdiedet minn dik minnu stess postulata;

5. Illi ghalhekk, filwaqt li tirrespingi l-prospett sollevat mill-konvenut fin-nota responsiva tieghu fuq gia`

riferita, taghmel taghha dak postulat mill-attur u konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mill-attur Abela fi sbatax –il elf, tlett mija u hamsa u ghoxrin Ewro, (€17,325.00);

6. Illi di piu`, l-ispejjez sofferti mill-attur kif minnu ndikati fin-nota tieghu datata l-1 ta’ Novembru, 2005, komplessivament jammontaw ghal disgha u tletin Lira Maltin, (LM39.00);

7. Illi rigward il-flus allegatament mitlufa mis-sewqan ta’ zwiemel mill-attur, stante li dan ma giex ipprovat, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu u *del resto* tiddikjara li jekk din l-attivita` hi biss attivita` tal-hin liberu, tali riskontru monetarju jkun biss odjuz u mhux dehen li jittiehed in konsiderazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess din il-qorti ghalhekk filwaqt li tirrespingi r-risposti tal-konvenut Inguanez, takkolji t-talbiet tal-attur Abela u konsegwentement:

1. Tiddikjara lill-konvenut Paul Inguanez unikament responsabbli ghall-incident meritu tal-procedura odjerna fuq sintetikament deskritt;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Paul Abela konsegwenza tal-istess incident fl-ammont komplessiv ta’ sbatax –il elf, erba’ mija u hmistax –il Ewro u erbgha u tmenin centezmu, (€17,415.84);

3. Tikkundanna lill-konvenut Paul Inguanez biex ihallas lill-attur Paul Abela s-somma likwidata fil-paragrafu precedenti;

4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti skont il-ligi mit-23 t’Ottubru, 2003, kontra l-istess konvenut Inguanez.

____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------